MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 426/2008

Anthony Caruana and Sons Limited (C 7512).

vs

Jesmond Sant u Rita Sant.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tlett elef, erba mija u tmienja u hamsin Ewro u disa centezmi, (€3,458.09), rapprezentanti prezz ta' prodotti mibjugha u debitament ikkonsenjati lill-konvenuti. Din is-somma hija dovuta lis-socjeta' attrici mill-konvenuti, li ghalkemm gew interpellati ghall-hlas diversi drabi, baqghu inadempjenti. Bl-ispejjes u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta Rita Sant li eccepiet illi (i) preliminarjament m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma

l-attur u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; (ii) illi bla pregudizzju ghal dan, il-konvenut l-iehor Jesmond Sant qatt ma gab l-awtorizzazzjoni ta' l-eccipjenti martu sabiex jidhol f'dejn ma terzi u l-konvenuti ilhom jghixu separati *de facto* minn xulxin sa minn Mejju tas-sena 2003; (iii) illi prezentement il-konvenuti ghandhom kawza ta' separazzjoni personali ghaddejja bejniethom. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra s-sentenza in parte moghtija fis-7 ta' Novembru 2008 minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut, fejn it-talba attrici giet milqugha fil-konfront tal-konvenut Jesmond Sant.

Sema' x-xhieda tal-P.L. Liliana Buhagiar prodotta mis-socjeta attrici.

Sema' x-xhieda tal-konvenuta Rita Sant.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi s-socjeta' attrici, permezz ta' din il-kawza, qed titlob il-hlas tal-ammont ta' tlett elef, erba mija u tmienja u hamsin Ewro u disa centezmi, (€3,458.09), minghand il-konvenuti, liema ammont jirraprezenta merkanzija mibjugha w kkonsenjata lill-konvenuti fil-hanut taghhom.

Illi permezz ta' sentenza moghtija fis-7 ta' Novembru 2008 minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut, il-konvenut Jesmond Sant gie kkundannat ihallas l-ammont dovut lis-socjeta' attrici, u l-kawza kompliet fil-konfront tal-konvenuta Rita Sant.

Illi l-konvenuta m'hiex qed tikkontesta l-ammont dovut, izda biss il-fatt li skond hi, ma kellha x'taqsam xejn mad-

dejn in kwistjoni ghaliex dan sar unikament mir-ragel taghha, minghajr l-awtorizzazzjoni taghha, u peress li huma kienu jinsabu separati *de facto* minn xulxin.

Illi t-Tribunal, wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha, jidhirlu li jirrizulta b'mod car illi fiz-zmien meta s-socjeta' attrici kkonsenjat l-merkanzija in kwistjoni lill-konvenuti huma kienu ghadhom mizzewgin u l-hanut in kwistjoni kien taghhom it-tnejn.  Oltre dan, it-tnejn li huma kienu qedin jaqsmu l-qliegh mill-istess hanut.  Huwa car ghalhekk li dan id-dejn jappartjeni lill-kommunjoni tal-akkwisti u li ghalhekk il-konvenuta hija responsabbli ugwalment mar-ragel tagha, (l-konvenut l-iehor Jesmond Sant), versu s-socjeta' attrici ghad-dejn in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jilqa t-talba attrici fil-konfront taghha, u jikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, erba mija u tmienja u hamsin Ewro u disa centezmi, (€3,458.09), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha ta' din l-istanza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta Rita Sant.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------